# 19

## *Ufficcju tal-Magistrat kwerelenti. Wara nofsinhar*

| | |
|---|---|
| PHELYPEAUX | Dan huwa l-mument<br><br>Il-bozza tal-kristall qieghda tghidli li hu hu<br><br>Il-missila se titlaq is-subgha qieghed diga' fuq is-swicc<br><br>It-tir hemm bzonn jirnexxi jekk ma jirnexxix il-missila se todghos 'l isfel u titfarrak<br><br>Min jaf x'jaghmlulu lill-Avukat tar-Repubblika  kieku!<br><br>Wahdu  hu biss li ghafas is-swicc hu li se jircievi l-insulti u s-sarkazmu<br><br>Il-provi kollha ngabru bicca bicca ghaqqadnihom flimkien bil-pacenzja kollha<br><br>Imma d-decizjoni ma hadhiex hu ttiehdet wahedha bhal fjura li tiftah wahedha<br><br>Il-hsieb ma jiswa xejn quddiem xi haga li ssegwi ordni ohra<br><br>Jigi l-mument meta ipotezi differenti johorgu wahedhom l-informazzjoni tigri warajk u l-fatti jibdew ihawduk<br><br>Imbaghad<br><br>Xejn aktar ma jitharrek<br><br>Xejn m'hu milghub u kollox hu milghub<br><br>Wara li nizen kollox elf darba<br><br>Il-buttuna s-subgha<br><br>nakkuzah |
| BELOT | Illum stess ? |

| | |
|---|---|
| PHELYPEAUX | Il-countdown skatta<br><br>Jew haga jew ohra<br><br>Se jikkrolla<br><br>Jew ghall-kuntrarju<br><br>Nistenna il-kontra<br><br>Ir-ragel hu ta' stoffa |
| BELOT | Kien lest jahtfek minn ghonqok |
| PHELYPEAUX | Jissielet qisu gurdien go rokna |
| BELOT | F'hin minnhom hbatt se nibda nibza' |
| PHELYPEAUX | Hemm xi magistrati li jhallu lil min jeghlibhom<br><br>*(ifittex karta fuq il-mejda tieghu)*<br><br>tlieta tmienja hamsa wiehed zero tlieta wiehed tnejn itlobli dan in-numru<br><br>jekk hu jibqa' jinnega<br><br>hemm qieghed is-sabih ta' kollox |
| BELOT | Ta' tlieta u hamsin sena<br><br>Terga' ssib ix-xoghol imbaghad |
| PHELYPEAUX | Erba' snin tghum fil-hama<br><br>U terga' taqa' fiha |
| BELOT | Iva taqtax |

| | |
|---|---|
| | Il-magistrat Phelypeaux jrid ikellmek |
| PHELYPEAUX | (*fuq it-telefown*) iva<br><br>haga wahda biss ma nistax naghtikom erbgha u ghoxrin se naghtikom sitt sighat biss<br><br>impossibbli veru<br><br>ix-xitan innifsu<br><br>ara ejja naqsmu l-biegha u naghzlu t-triq tan-nofs tnax-il siegha Jacky<br><br>ejja issa qabel imbaghad<br><br>*(jaqta')* |
| BELOT | Se tghidli<br><br>Nahseb ahjar inhallik wahdek maghha |
| PHELYPEAUX | M'ghandi xejn x'nahbi |
| BELOT | Qed ninnota xi haga fik illum li mhix qed togghobni |
| PHELYPEAUX | M'inix qieghed hawn biex noghgob lilek |
| BELOT | m'intix qed tirraguna<br><br>jien nahseb li mhux hati |
| PHELYPEAUX | Ma jidhirlikx li affarijiet bhal dawk mhumiex xoghlok x'tahseb? |
| BELOT | M'hemmx x'taghmel<br><br>Ma nista' naghmel xejn |

| | |
|---|---|
| PHELYPEAUX | M’ghandux alibi<br><br>U jien m’ghandix il-prova<br><br>Dak is-sabih ta’ l-istorja<br><br>Iz-zewg avversarji jidhlu fl-arena t-tnejn bin-nieqes kull wiehed cert li se jeghleb lill-iehor<br><br>IL-gurnalisti kollha lesti biex ideffsu mnehirhom  nistenna li se jaqbzu fuqna zommhom ‘il boghod kemm tista’<br><br>Se naghti vantagg ta’ tnax-il siegha lis-Sinjorina Niel |
| BELOT | Jaqaw? Xi sqietek biex tikkonvincik ? biex jisthoqqilha rigal bhal dan? |
| PHELYPEAUX | Heqq ! ghenitni nholl il-kobba |
| BELOT | U int inqbadt fin-nassa taghha |
| PHELYPEAUX | Ismaghni li qed tinsinwa int huma ferm ‘il boghod mill-verita’<br><br>Naf li timpressjona ruhek malajr<br><br>Il-film tal-bierah?<br><br>Ghadek bid-dehxa ? |
| BELOT | Il-film tajjeb hafna kien kieku |
| PHELYPEAUX | U l-froga tal-bacon ? |
| BELOT | Ma rajtux il-film |
| PHELYPEAUX | U lanqas il-froga tal-bacon ma kienetx hemm? |

| | |
|---|---|
| BELOT | Le |
| PHELYPEAUX | Eh! Mela ara x'serata kellek ! |
| BELOT | Iva<br><br>Ma rridx li jigrilek xi haga<br><br>M'ghandikx provi |
| PHELYPEAUX | Lanqas ammissjonijiet<br><br>U provi qatt m'ghandek tghid li ghandek<br><br>Kull ma rrid ammissjoni anke jekk ammissjoni mhix prova imma fiha certu piz |
| BELOT | Hemm certi ammissjonijiet li int m'intix kapaci tisma' |
| PHELYPEAUX | Imma ghandi l-konvinzjoni gewwinija tieghi<br><br>That ix-xokk ta' l-akkuza dan it-tip ta' bniedem kapaci jcedi |
| BELOT | Jekk hu hu l-qattiel |
| PHELYPEAUX | Qed nisimghek Estelle<br><br>Id-destin tieghi huwa li naqdi dmiri<br><br>U hawn qieghed wahdi<br><br>*(ihabbat xi hadd fuq il-bieb)* |
| BELOT | Ma tantx se ddum wisq taqdi dmirek<br><br>Giet bhal lehha ta' berqa |

| | |
|---|---|
| | Indunajt li rrangawha l-hgiega<br><br>Allura x'tahseb mhux ahjar  immur niehu kafe'?<br><br>Nista' mmur niehu kafe'? |
| PHELYPEAUX | Tista' tiftah<br><br>Dak li kont se nghidlek taghmel minnufih issa<br><br>Iftah<br><br>*Is-Sinjorina Belot tibqa' qisha pparalizzata, u timxi lejn il-bieb. Jidhlu Beatrice u Adele.* |
| BELOT | l-Imhallef Phelypeaux? |
| PHELYPEAUX | Kollu kemm hu<br><br>Ma' min ghandi l-pjacir niltaqa'? |